Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 583/2011AE

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**E & M Meat Products Limited u b'digriet moghti fl-24 ta' Settembru 2012 gie kkjamat fil-kawza Saviour Mizzi**

L-Erbgha, 4 ta' Novembru , 2015.

Is-socjeta konvenuta appellat minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-20 ta' Settembru 2013 fejn giet kundannata thallas lill-attrici s-somma ta' elf tliet mija hamsa u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,375.54c) relatat ma' servizz ta' telefonija, bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz.

L-aggravji huma:-

1. L-att promutur jaghmel riferenza ghal kont numru 50432654, meta waqt il-provi rrizulta li n-numru kien 1002239;
2. Relatati mad-decizjoni tat-Tribunal li l-konvenuta ma tatx prova tal-hlas. Mill-provi jirrizulta li l-hlas li l-konvenuta ghamlet fl-24 ta' Ottubru 2009 kien hemm inkluz kull bilanc dovut ghall-perjodu qabel l-1 ta' Ottubru 2009.
3. In-numru 7945 7007 m'huwiex tal-kumpannija konvenuta izda ta' Saviour Mizzi. Fil-fatt is-*subscription form* li pprezentat xhud tal-attrici (Dok. SE2, fol. 15) taghmel riferenza ghal dan in-numru li hu tal-imsejjah fil-kawza.

Il-konvenuta talbet li s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2013 tigi mhassra u li jigu michuda t-talbiet tas-socjeta attrici.

L-attrici, illum appellata, ipprezentat twegiba (14 ta' Novembru 2013) fejn qablet mal-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal u ghalhekk is-sentenza kellha tigi konfermata.

L-imsejjah fil-kawza Saviour Mizzi baqa' ma wegibx ghar-rikors tal-appell.

Il-qorti rat l-atti.

1. Il-kaz jitratta dwar talba tal-attrici sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tlett mija u hamsa u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,375.54), ghal servizz relatat mat-telefonija. Simone Ellul, ufficjal tas-socjeta attrici, ipprezentat kont datat 26 ta'

Novembru 2009 (fol. 14) fejn jinghad li ghax-xahar ta' Ottubru 2009 kien dovut hlas ta' €293.19 u l-ammont globali dovut mis-socjeta konvenuta kien €1,375.54, li hu proprju l-ammont oggett ta' dawn il-proceduri. Il-qorti fehemet li s-somma ta' €1,375.54 tinkludi fiha arretrati ta' kontijiet precedenti.

2. B'riferenza ghall-ewwel aggravju l-qorti hi tal-fehma li mill-provi rrizulta b'mod car li l-kaz jitratta dwar Client Account No. 1002239. Ghalkemm ma giex spjegat x'ghandha taqsam is-socjeta konvenuta mal-kont numru 50432654, li ssemma fl-avviz, mill-provi rrizulta li l-konvenuta kienet qeghda tircievi servizz minghand l-attrici u fir-rigward ta' liema kienet qeghda thallas. 'Il fatt li fl-avviz issemma kont differenti minn dak li hemm il kwistjoni dwarha m'ghandu jwassal ghall-ebda konsegwenza meta tqies li s-socjeta konvenuta sa minn qabel bdew il-proceduri gudizzjarji kienet taf x'inhi l-pretensjoni tal-attrici.

3. Fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2013 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar qal:

   *"Illi fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova, ossia ricevuti, sabiex turi li gie mwettaq il-hlas tal-fatturi mertu ta' din il-kawza, jwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinzjoni illi allura dawn il-fatturi ghadhom pendenti. Bhal ma s-socjeta konvenuta kellha ricevuta ghall-fattura datata 30 ta' Settembru 2009, kemm-il darba dawk il-fatturi meritu ta' din l-azzjoni kienu gew imhallsa minnha, allura sigurament illi kienu jigu pprezentati wkoll tali ricevuti. Illi fl-assenza ta' tali prova, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont reklamat huwa effettivament dovut mis-socjeta konvenuta"*.

   Il-konvenuta tat l-eccezzjoni tal-pagament. Kif osservat minn din il-qorti[1] fil-kawza **Five Effs Import Co. Limited vs Island Resorts Company Limited** deciza fis-6 ta' Ottubru 2010:

   *"Primarjament, skond il-kriterju tad-distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi jispetta fl-ewwel lok lill-kreditur li jaghti prova ta' l-ezistenza tal-kreditu azzjonat u, sussegwentement, imiss lid-debitur li jgib prova tal-fatt estintiv ta' dak il-kreditu jew ta' xi parti minnu. Ara "**Manwel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim Awla, Qorti Civili, 27 ta' Mejju, 1970, per Imhallef M. Caruana Curran. Jikkonsegwi illi meta d-debitur jaghti prova tal-hlas in kwantu esegwit b'riferiment ghall-kreditu specifiku fatturat, jispetta lill-kreditur li jiddemostra l-ezistenza ta' krediti ohra dwar liema huwa qed jitlob il-pagament"*.

4. Ghal dak li jirrigwarda l-hlas pretiz ta' €1,375.54 jekk wiehed ighodd ic-cifri li jissemmew fl-invoices li pprezentat ix-xhud Simone Mizzi waqt is-seduta tas-

[1] Imhallef P. Sciberras.

16 ta' Novembru 2011 (fol. 11-14), it-total hu €1,445.34. Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta pprezentat kont mahrug minn Go plc u datat 30 ta' Settembru 2009 li jirreferi ghax-xahar ta' Awissu 2009 u bih intalab hlas totali ta' **€609.98** (fol. 29). Kont li l-attrici ma kkontestatx li ntbaghat minnha. Jidher li dan il-kont jirreferi ghall-istess servizz bhall-kontijiet li pprezentat Simone Ellul (fol. 11-14), u dan peress li n-numru tal-kont tal-klijent dikjarat fuq il-kont hu identiku[2]. Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

i. Fil-kont datat 30 ta' Settembru 2009 (fol. 29) jinghad li *total amount due* hu €609.98. Minn kif hu miktub il-kont hu evidenti li f'din ic-cifra hemm inkluz is-somma ta' €299.08 ghax-xahar ta' Awissu 2009 u arretrati. **Dan id-dokument hu fih innifsu prova ta' x'kien id-dejn sal-ahhar ta' Awissu 2009**.

ii. Jirrizulta li fl-24 ta' Ottubru 2009 il-konvenuta hallset, permezz ta' cekk, is-somma ta' €609.98 (Dok. X3, fol. 37). Simone Ellul ikkonfermat li dan il-hlas kien sar (fol. 17).

iii. Simone Ellul xehedet li minkejja l-hlas ta' €609.98: *"... dan l-ammont ma kienx jikkomprendi d-debitu kollu dovut"* (fol. 17). Kompliet tghid li dak il-hlas kien jirreferi ghax-xhur ta' Awissu u Settembru 2009. Il-qorti tinnota li l-hlas ma jistax ikun li jinkludi x-xahar ta' Settembru 2009 peress li l-kont ta' Settembru hareg fil-5 ta' Novembru 2009 (fol. 13) filwaqt li l-hlas ta' €609.98 sar fl-24 ta' Ottubru 2009. Inoltre t-total ghax-xhur ta' Awissu u Settembru 2009 hu ta' €614.89 u mhux €609.98.

iv. Gialadarba sar dak il-hlas, kien l-obbligu tal-attrici li tispjega x'wassal biex fis-26 ta' Novembru 2009 harget kont fejn talbet hlas ta' €1,375.54. Ammont li l-qorti tikkonkludi li jinkludi fih il-kont ghax-xahar ta' Settembru 2009 (€315.81) u ghax-xahar ta' Ottubru 2009 (€293.19). L-oneru tal-prova kien fuq l-attrici li turi ghal liema perjodi kienet tirreferi s-somma ta' €766.54[3]. Minn email datata 2011 ta' Mejju 2011 (Dok. X a fol. 51) li ufficjal tal-Go plc[4] kien baghat lid-difensur tal-konvenuta jirrizulta li kien qieghed jinghad li l-konvenuta kienet ghadha ma hallsitx il-kontijiet ghax-xhur ta' Frar, Marzu, Settembru u Ottubru 2009. Madankollu meta tghodd l-erba' kontijiet it-total hu ta' €1,445.34 u mhux l-ammont pretiz fl-avviz tat-talba. L-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghal din id-diskrepanza. Inoltre, il-kont ghax-xahar ta' Awissu 2009 hu fih innifsu prova li sa dakinhar id-dejn kien ta' €609.

v. Kien biss ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2009 li m'hemmx prova li s-socjeta konvenuta hallset ghas-servizz, b'total ta' **€609** (ara kontijiet

[2] 100239.
[3] €1,375.54 - €315.81 (Settembru 2009) - €293.19 (Ottubru 2009) = €766.54.
[4] Joseph Dimech li ma xehedx.

a fol. 13-14 li jirreferu ghal dawk ix-xhur). Ghalkemm fit-tieni aggravju l-konvenuta ghamlet riferenza ghall-porting li sar fl-ahhar ta' Ottubru 2009, minn dokument X5 (fol. 30) jirrizulta li dan sar fit-28 ta' Ottubru 2009[5] filwaqt li l-hlas li hu dovut hu ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2009. Ghalhekk dan 'il fatt ma jfissirx li xejn mhu dovut.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li hemm raguni valida sabiex ma taqbilx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal.

5. L-ahhar aggravju tal-konvenuta hu li n-numru tat-telefon 7945 7007 kien registrat f'isem Saviour Mizzi. Il-konvenuta ghamlet riferenza ghal dak li xehedet Simone Ellul: *"Dawn l-erba' kontijiet ikopru ghall-perjodu minn Marzu 2009 sa Novembru tal-2009. U nghid illi dan il-kont inghalaq, madankollu n-numru ghadu attiv fuq kont iehor"* (fol. 9). Fl-ahhar tad-deposizzjoni qalet: *"Mistoqsija liema numru ghadu attiv, nghid illi huwa n-numru 7945 7007"* (fol. 10). Il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-kontijiet oggett tal-kawza jirrelataw ghas-servizz tat-telefon bin-numru 7945 7007. Fil-fatt jirrizulta li fil-5 ta' Ottubru 2007 kien gie ffirmat kuntratt bejn l-attrici u l-konvenuta (fol. 19) li fih jinghad:

   *"Whereas the Parties wish to enter into a two (2) year contract period for the provision of mobile telecommunications services by the Company to the Client. For the purposes of this agreement, the term mobile telephony services shall include the provision of all existing mobile telephony connections availed of by the Client in the attached subscriber list"*.

   Fid-dokument (fol. 20) mehmuz mal-kuntratt in-numru 7945 7007 ma jissemmiex. Inoltre s-*Subscription Form* (fol. 15) li l-konvenuta rreferiet ghaliha, hi datata 30 ta' Marzu 2005 u m'ghandha x'taqsam xejn mal-imsemmi kuntratt.

   Gialadarba m'hemmx provi sodisfacenti li Client no: 1002239 ghandu x'jaqsam man-numru tat-telefon 7945 7007, dan l-aggravju tal-konvenuta hu bla bazi.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi:-**

1. **Tichad l-ewwel u tielet aggravji.**
2. **Tilqa' parzjalment it-tieni aggravju fis-sens li tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-20 ta' Settembru 2013 u minflok ghar-ragunijiet li jissemmew hawn fuq tikkundanna lis-socjeta**

[5] Numri tat-telefon huma identici ghan-numri li jissemmew fid-dokument mehmuz mal-kuntratt tal-5 ta' Ottubr 2007.

**konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u disa' ewro (€609), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz quddiem it-Tribunal.**

**Spejjez tal-imsejjah fil-kawza jibqghu a karigu tal-attrici, illum appellata, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez kemm tal-ewwel istanza u tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-appellanti u s-socjeta appellata**.

Anthony Ellul.